MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## LAWRENCE MINTOFF

Seduta tat-3 ta' Frar, 2015

Rikors Numru. 1148/2014

**Fl-atti tar-Rikors għall-ħruġ ta' Kontro-Mandat**
**għall-Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju Nru. 1942/14**
**maħruġ fid-9 ta' Diċembru, 2014 fl-ismijiet:**

**V.G. Tiles Company Limited (C6957) u**
**Victor Galea għal kull interess li jista' jkollu**
**vs.**
**Sier & Sons Limited (C56548) u**
**Vincent Zammit (186383M)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors ta' **Sier & Sons Limited u Vincent Zammit** (minn issa 'il quddiem imsejħin "is-sekwestrati") ippreżentat fis-17 ta' Diċembru, 2014 fejn għar-

raġunijiet hemm spjegati talbu ir-revoka tal-Mandat ta’ Sewkestru Kawtelatorju Nru. 1942/2014 (minn issa ‘il quddiem imsejjaħ “il-Mandat”) ai termini tal-Artikolu 836 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta’ Malta, u dan stante li l-pretensjonijiet tas-sekwestranti mhumiex *prima facie* ġustifikati (l-Artikolu 836(1)(d)) u mhuwiex raġjonevoli li l-Mandat jinżamm fis-seħħ, u lanqas m’huwa meħtieġ jew ġustifikabbli (l-Artikolu 836(1)(f)).

Rat ir-Risposta ta’ **V.G. Tiles Co. Limited u Victor Galea** (minn issa ‘il quddiem imsejħin “is-sekwestranti”), ippreżentata fil-5 ta’ Jannar, 2015 fejn għar-raġunijiet hemm spjegati oġġezzjonaw għat-talbiet kollha magħmula fir-Rikors għar-revoka tal-Mandat.

Rat l-atti kollha tal-Mandat u l-atti ta’ dan ir-Rikors.

Semgħet lill-avukati tal-partijiet jittrattaw ir-Rikors.

Rat id-digriet tagħha tat-30 ta’ Jannar, 2015 fejn ħalliet ir-Rikors għall-provvediment.

**Ikkunsidrat:**

Tqis illi dan huwa rikors għall-ħruġ ta’ kontro-mandat għall-mandat ta’ sekwestru kawtelatorju li kien ippreżentat fid-9 ta’ Diċembru, 2014 kontestwalment mal-konto-talba tal-konvenuti rikonvenzjonanti għat-talbiet tal-atturi rikonvenzjonati fl-atti tar-Rikors Maħluf Numru 970/14LM.

Tqis illi s-sekwestrati qegħdin isejsu t-talba tagħhom għal ħruġ ta’ kontro-mandat abbażi tal-fatt illi sakemm ġew notifikati bil-kawża tal-atturi (Rikors Maħluf Numru 970/14LM), il-pretensjoni tas-sekwestranti fil-konfront tas-sekwestrati kienet biss ta’ €2,807.35 u xejn aktar.

Tqis illi s-sekwestranti qabel ma ġew notifikati bil-kawża tas-sekwestrati, qatt ma interpellaw lis-sekwestrati għal xi bilanċ akbar minn dan l-ammont ta’ €2,807.35, li jirrappreżenta l-bilanċ ta’ prezz tal-aħħar konsenja li kienet saret mis-sekwestranti lis-sekwestrati ai termini tal-iskrittura tat-30 ta’ Marzu 2013.

Tqis illi s-sekwestrati qegħdin isostnu li qabel in-notifika tal-kawża tal-atturi, is-sekwestranti mkien ma semmew li kien fadlilhom jieħdu aktar mill-ammont ta’ €2,807.35 li qegħdin jitolbu l-ħlas tiegħu quddiem it-Tribunal Għal Talbiet Żgħar (Talba Numru 455/2014 DMA).

Tqis illi s-sekwestrati jikkontendu wkoll illi sakemm ġew notifikati bir- Rikors Maħluf Numru 970/14LM, is-sekwestranti għal aktar minn sena ma ħassewx il-bżonn li jikkawtelaw xi pretensjoni li seta’ kellhom abbażi tal-iskrittura tat-30 ta’ Marzu 2013, għajr għat-talba li huma għamlu quddiem it-Tribunal Għal Talbiet Żgħar għall-ammont ta’ €2,807.35.

Tqis illi f’dan il-kuntest s-sekwestrati jgħidu li s-sekwestranti (a) għandhom fl-ewwel lok jippruvaw imqar *prima facie* li għandhom fil-fabbrika tagħhom valur ta’ €150,000 materjal li tqatta’ fiż-żmien tal-kuntratt u li tħalla inutilizzabbli sallum; (b) fit-tieni lok għandhom jispjegaw u jiddokumentaw il-pretensjoni tagħhom għas-somma ta’ €150,000.

Tqis illi min-naħa tagħhom s-sekwestranti qegħdin iwieġbu illi kull parti għandha kull dritt li teżerċita l-jeddijiet tagħha permezz ta’ dik l-azzjoni jew il-pluralità ta’ azzjonijiet li jidhrilha xierqa, inkluż id-dritt li tipprevalixxi ruħha mid-dritt ta’ rikonvenzjoni meta tara li ċ-ċirkostanzi jkunu tali li n-nuqqas ta’ azzjoni da parti tagħha jkunu tali li n-nuqqas ta’ azzjoni tista’ twassal f’preġudizzju irriversibbli.

Tqis illi s-sekwestranti jsostnu illi s-sekwestrati qegħdin jitolbu indaġini fil-mertu tan-negozju li sar bejn il-partijiet, mentri l-obbligu tal-Qorti hu biss li taċċerta ruħha illi s-sekwestranti għandhom pretensjoni li hi suxxettibbli għall-azzjoni fil-mertu u jekk tali triq legalment meħuda fil-konfini ta' ġustifikazzjoni ta' dritt pretiż hijiex ġustifikata fil-fatt u fid-dritt, mhijiex parti mill-indaġini li għandha tagħmel din il-Qorti.

Tqis illi Artikolu 836(1)(d) u (f) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta li fuqu qegħdin jistrieħu is-sekwestrati fit-talba tagħhom għar-revoka tal-Mandat, huwa msejjes fuq: (i) eżami *prima facie* li jrid isir biex jiġi aċċertat jekk l-ammont mitlub li jiġi kkawtelat bil-Mandat huwiex ġustifikat jew le; u/jew (ii) eżami li jrid issir dwar jekk fiċ-ċirkostanzi ma jkunx raġonevoli li jinżamm fis-seħħ l-att kawtelatorju jew parti minnu jew li dan l-att jew parti minnu mhuwiex aktar meħtieġ jew ġustifikabbli:

> *"l-intimat li jkun inħareġ att kawtelatorju kontrih jista' jagħmel rikors lill-qorti li tkun ħarġet l-att kawtelatorju, jew inkella, jekk tkun saret kawża, jista' jagħmel rikors lill-qorti li tkun qegħda tittratta dik il-kawża li fih jitlob li l-att kawtelatorju jiġi revokat, sew għal kollox jew f'parti minnu, għal xi waħda minn dawn ir-raġunijiet li ġejjin:*
>
> ….
>
> (d) *jekk jintwera li l-ammont mitlub ma jkunx prima facie ġustifikat jew ikun eċċessiv;*
>
> *(f) jekk jintwera li fiċ-ċirkostanzi ma jkunx raġonevoli li jinżamm fis-seħħ l-att kawtelatorju jew parti minnu jew li dan l-att jew parti minnu mhuwiex aktar meħtieġ jew ġustifikabbli."*

Tqis illi fir-rigward tal-proċeduri li jsiru *ai termini* tal-Artikolu 836, il-Qorti kemm -il darba għamlitha ċara illi hija b'ebda mod ma għandha tidħol fil-fond tal-vertenza għaliex kif irritenew diversi drabi l-Qrati tagħna, l-proċedura maħsuba fl-Artikolu 836 għandha tkun waħda sommarja, u l-eżami tagħha

għandu jkun biss ta' *prima facie*[1]. Dan qalitu din il-Qorti fil-kawża **"Camilleri vs Govè et"** deċiża fl-10 ta' Mejju 2001 b'dan il-kliem:

> *"mid-dispożizzjoni tal-istess Artikolu 836 jidher li l-uniku eżami li trid tagħmel din il-Qorti huwa biss dak ta' prima facie u dan għaliex il-mertu kollu jiġi nvestigat fil-kawża proprja bejn il-partijiet, u għalhekk hemm limitazzjoni sinifikanti fl-eżami li trid tagħmel il-Qorti f'dan l-istadju u dan tenut kont li hawn si tratta dejjem ta' proċedura preliminari li għad qed tistenna l-eżitu finali tal-kawża proprja."*[2]

Tqis illi fl-ambitu tal-eżami *prima facie* li jrid isir minn din il-Qorti skont din il-proċedura sabiex jiġi aċċertat jekk l-ammont mitlub li jiġi kkawtelat bil-Mandat huwiex ġustifikat jew le, ikun xi jkun l-eżitu ta' dan l-eżami *prima facie*, kemm jekk tiġi milqugħha t-talba għar-revoka tal-Mandat u kemm jekk ma tiġix milqugħha, dan bl-ebda mod ma jinċidi fuq l-eżitu tal-kawża dwar il-mertu.

Tqis illi f'każ li tiġi milqugħha t-talba għall-ħrug ta' kontro-mandat wara l-aċċertament *prima facie* li jrid isir skont din il-proċedura, xorta waħda t-talbiet fil-mertu jistgħu jirnexxu wara li jkunu nstemgħu l-provi kollha fil-kawża proprja bejn il-partijiet. Bl-istess mod f'każ li t-talba għall-ħruġ ta' kontro-mandat tiġi miċħuda wara l-eżami *prima facie* li jsir skont l-Artikolu 836(1)(d) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, dan ma jfissirx li t-talbiet fil-mertu bilfors se jirnexxu. Eżami *prima facie* huwa wieħed preliminari, mhux fil-fond u dak li jirriżulta mad-daqqa ta' għajn.

Tqis illi f'dan il-każ qiegħed jintalab il-ħruġ ta' kontro-mandat ta' mandat ta' sekwestru kawtelatorju maħruġ biex jikkawtela pretensjonijiet dedotti

[1] **J.V. & S. Developments Limited (C28790) vs. Scala Developments Limited,** PA deċiża 9 ta' Jannar 2012.

[2] Ara wkoll is-sentenza **Emanuel Sammut vs Josephine Sammut**, PA deċiża fil-5 ta' Ġunju 2003.

f’kontro-talba tal-konvenuti rikonvenzjonanti għat-talbiet tal-atturi rikonvenzjonati.

Tqis mad-daqqa t’għajn bħala inverosimili u improbabbli li xi ħadd bħas-sekwestranti li qegħdin jsostnu li għandhom pretensjoni sostanzjali ta’ ‘il fuq minn €150,000, iħallu aktar minn sena tgħaddi mingħajr ma jinterpellaw lis-sekwestrati dwar din il-pretensjoni tagħhom u joqgħodu jistennew lis-sekwestrati jiftħu l-kawża tagħhom biex jagħmlu t-talba tagħhom għall-ħlas tad-danni.

Tqis illi għal ammont ferm iżgħar ta’ €2,807.35 is-sekwestranti aġġixxew ġudizzjarjament quddiem it-tribunal kompetenti, imma għall-pretensjoni ferm akbar lanqas biss interprellaw lis-sekwestrati biex jersqu għal ħlas tad-danni.

Tqis illi *a tempo vergine*, wara t-terminazzjoni tal-kuntratt inkwistjoni, s-sekwestranti għar-rigward tal-istess mertu, tal-istess kuntratt u tal-istess materjal, kienu għamlu biss talba għal €2,807.35 quddiem it-Tribunal Għal Talbiet Żgħar.

Tqis ukoll illi s-soċjetà sekwestranti ma ġabet ebda prova, imqar waħda *prima facie,* illi hija kienet qattgħet u lestiet il-fornitura kollha tal-*hardstone kerbs*, *hardstone tiles* u *hardstone planks* skont ir-rekwiżiti tat-Tender Numru CT3109/2012, u li dan il-materjal kollu jinstab inutilizzabbli fil-fabbrika tas-soċjetà sekwestranti.

Tqis ukoll din l-asserzjoni tas-sekwestranti bħala inverosimili fl-isfond ta’ dak li ġie allegat mis-sekwestrati u mhux miċħud mis-sekwestranti, li s-soċjetà sekwestranti meta kien għadu qiegħed jiġi eżegwit il-kuntratt, ma kinitx tleħħaq mad-domanda u kienet tissupplixxi ammont inferjuri għal dak rikjest.

Tqis illi wara li eżaminat il-kontenut tar-Rikors, u kif is-sekwestranti wieġbu għar-Rikors, il-Qorti tikkonkludi li s-sekwestrati irnexxilhom juru illi l-ammont mitlub fil-Mandat mhuwiex *prima facie* ġustifikat u li fiċ-ċirkostanzi mhuwiex raġonevoli li l-Mandat jinżamm fis-seħħ u li għalhekk jeżistu l-elementi rikjesti mil-liġi sabiex jiġi revokat il-Mandat.

**Decide**

**Għar-raġunijiet premessi, il-Qorti qegħda tilqa' it-talba tas-sekwestrati għar-revoka tal-Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju Numru 1942/14 maħruġ fid-9 ta' Diċembru, 2014 fl-ismijiet V.G. Tiles Company Limited (C6957) u Victor Galea għal kull interess li jista' jkollu vs. Sier & Sons Limited (C56548) u Vincent Zammit (186383M) kif dedotta fir-rikors tagħhom tas-17 ta' Diċembru, 2014. L-ispejjez ta' din il-proċedura jibqgħu riżervati għall-ġudizzju finali dwar l-kawża fil-mertu bejn il-partijiet.**

**ONOR. DR. LAWRENCE MINTOFF LL.D.**
**IMĦALLEF**

**Frederick Stagno Navarra**

**Dep. Reg.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------